**MALTA**

**TRIBUNAL GHAL TALBIET ŻGHAR**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tat-22 ta' Marzu, 2019**

**Talba Numru: 258/2018 AM3**

**Numru fuq il-Lista: 44**

**Vodafone Malta Limited**

**Vs**

**Neville Cutajar**

It-Tribunal,

Ra l-avviz tat-talba prezentat mis-socjeta' attrici fis-06 ta' Gunju, 2018 li permezz tieghu s-socjeta' attrici talbet minghand il-konvenut il-hlas tas-somma ta' elf mija u erbgha u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€1,174.10c) rapprezentanti servizzi rezi in konnessjoni ma' servizzi ta' telefonija cellular fil-kont numru 4.8176.10.100001 fuq talba u a beneficcju tal-istess konvenut.

Ra l-verbal tas-seduta tat-30 ta' Novembru, 2018 a fol 17 li permezz tieghu l-konvenut ta ruhu notifikat bl-avviz tat-talba u talab zmien biex jikkontesta t-talba.

Ra l-verbal tas-seduta tat-18 ta' Jannar, 2019 li permezz tieghu deher il-konvenut u ammetta t-talba kif dedotta.

Tal-provi kollha prodotti.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi in vista tal-ammissjoni tal-konvenut, u l-provi prodotti, jilqa' t-talba tas-socjeta' attrici u jordna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf mija u erbgha u sebghin ewro u ghaxar centezmi (€1,174.10c) bl-imghax legali jibda jiddekorri mil-lum sad-data tal-pagament effettiv.

Spejjez a karigu tal-konvenut

**Av Anna Mallia**

**Gudikatur**